BirdLife
MALTA

# Jintemm il-proġett Action for Nature ta’ BirdLife Malta

## Żgħażagħ jgħinu biex ir-riservi naturali jittejbu kemm b’risq in-natura kif ukoll għall-pubbliku

Lulju jimmarka t-tmiem tal-proġett Action for Nature ta’ BirdLife Malta li kien mifrux fuq medda ta’ 20 xahar. Dan l-iskambju internazzjonali ġab flimkien 84 żagħżugħ u żagħżugħa kif ukoll *leaders* taż-żgħażagħ minn Malta, l-Ungerija u n-Norveġja li ngħaqdu biex itejbu r-riservi naturali tal-NGO bħala parti minn kampanja ambjentali.

L-iskambju finali tal-proġett li sar dan ix-xahar kien mifrux fuq ġimgħa u jsegwi żewġ skambji simili li saru b’suċċess fl-2016 u li matulhom saru xogħlijiet utli fil-Foresta 2000 u fir-Riserva Naturali tas-Simar b’kollaborazzjoni ma’ għaqdiet lokali tal-*iscouts* bħat-Tarxien Venture Scouts u d-Dingli Venture Scouts kif ukoll mal-organizzazzjoni Ungeriża Békéscsaba KIE.

Mit-30 ta’ Ġunju, parteċipanti min-Norveġja (Jølster KFUK-KFUM-Speidarar), l-Ungerija (Békéscsaba KIE) u l-Assoċjazzjoni tal-Iscouts ta’ Malta ngħaqdu flimkien biex joħolqu klassi fil-beraħ fir-Riserva Naturali tas-Simar biex tintuża minn BirdLife Malta waqt żjarat minn skejjel u attivitajiet li jsiru fir-riserva fil-futur. Meta ma kinux qed jaħdmu fir-riservi, l-*iscouts* ħadu sehem f’numru ta’ *workshops* biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. Dawn iffukaw fuq it-titjib tal-ħiliet f’oqsma bħat-*teamwork*, il-komunikazzjoni, il-koperazzjoni u l-*public speaking*. Wara ħamest ijiem ta’ attivitajiet diversi, il-grupp tella’ b’suċċess *open day* fir-riserva tax-Xemxija biex juri lill-pubbliku l-frott tal-ħidma li twettqet u anke biex iħajjar aktar nies iqattgħu ħin fin-natura.

Bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħhom f’dan l-iskambju ffinanzjat mill-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea, iż-żgħażagħ kellhom ukoll l-opportunità li jieħdu sehem f’attivitajiet kulturali kif ukoll f’avventura ta’ *snorkelling* f’Golden Bay b’kollaborazzjoni ma’ SharkLab.

F’kummenti dwar il-proġett, l-Education Officer ta’ BirdLife Malta Sarah Brady qalet: “Il-proġett Action for Nature hu opportunità mill-aqwa għaż-żgħażagħ biex jitgħallmu u jaħdmu ma’ oħrajn bħalhom minn pajjiżi u kulturi differenti, bil-għan komuni li jtejbu zoni naturali u ambjentali fl-istess ħin li dawn jitgawdew aktar mill-pubbliku. Id-differenza fil-fiduċja fil-ħiliet tal-parteċipanti u fihom infushom turi l-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu flimkien u jingħataw il-fiduċja ħalli jirrealizzaw li jistgħu jagħmlu differenza. Kienet esperjenza verament sabiħa li naħdmu ma’ għaqdiet taż-żgħażagħ minn Malta, l-Ungerija u n-Norveġja u nittamaw li bl-għajnuna tal-*leaders*, it-tagħlimiet li ħadna minn dan il-proġett ikollhom impatt fit-tul fuq kull min ipparteċipa.”

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-proġett Action for Nature:
http://birdlifemalta.org/action-for-nature

Filmat promozzjonali dwar Action for Nature:
https://www.youtube.com/watch?v=5m6ZNbX3rW0

L-iskambju tas-sena l-oħra:
http://birdlifemalta.org/2016/08/simar-nature-reserve-hosts-international-youth-exchange

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/nnHAsnZxck** (Ritratti ta' Veerle van Werde)

1. Membri tal-gruppi tal-*iscouts* jagħmlu xogħol fir-Riserva Naturali tas-Simar
2. Parteċipanti tal-proġett Action for Nature għaddejjin bil-ħidma tagħhom
3. Waqt il-*workshops* dwar l-iżvilupp tal-ħiliet
4. Avventura ta' *snorkelling* f'Golden Bay
5. L-aħħar xogħol ta' tisbiħ li sar fis-Simar
6. Il-grupp tal-iskambju Action for Nature 2017

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/OhV6QSR6qO**

1. Action for Nature 2017 (Filmati u muntaġġ ta' Veerle van Werde)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna